**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 9/2019 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**SG**

**Vs**

**JG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentata ta' SG, datat 9 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), fil-Knisja ta' San Gejtanu, Hamrun skond ic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

*Illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija, disgha u disghin (1999) twieled tifel imsemmi NG li ghandu dsatax-il (19) sena u ghalhekk huwa maggorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) mil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Kopja tas-Sentenza qed tigi annessa u mmarkata Dok.B), liema sentenza giet appellata nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru ta-sena elfejn u tmintax (2018). Madanakollu il-partijiet kienu ilhom de facto separati u jghixu ghal kollox*

*separatament ghal ghaxar snin, sa mis-sena elfejn u tmienja (2008);*

*Illi ma hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet stante li r-rikorrenti ddekadiet minn kull jedd li titlob u/jew li tircievi manteniment minghand l-intimat;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn hames snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-partijiet ilhom addirittura sa mis-sena elfejn u tmienja (2008) jghixu gewwa residenzi separati.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet:*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom ta' xbubitha, jigifieri 'F';*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JG, datata 8 ta' April 2019, a fol 33 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jaqbel illi l-partijiet izzewwgu nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (21.09.2002);*

*Illi minn dan iz-zmien il-partijiet kellhom tifel li twieled fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disghin (27.09.1999) u ghaldaqstant huwa*

*maggorenni;*

*Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' Sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-hamsa ta' dicembru tas-sena elfejn u tmintax (05.12.2018) madanakollu l-esponenti appella minn din id-decizjoni, liema Appell ghandu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell;*

*Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom ghal aktar minn erba' snin separati de facto, u llum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

*Illi l-partijiet m'ghandhomx jghaddu u/jew jiehdu manteniment minghand xulxin u prezentement lanqas hemm manteniment ghal binhom, stante li fil-prezenti mhux qed jistudja fuq bazi full-time;*

*Illi l-esponenti m'ghandu l-ebda riserva sabiex l-attrici tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' 'F';*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti madanakollu stante li kienet l-Attrici li ntavolat dawn il-proceduri, jissottometti li ghandha tkun hi li tbati l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' din il-procedura.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u fl-istess waqt jordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**SG** a fol 37 et seqq., xhedet illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Settembru 2002 u kienu ottjenew s-separazzjoni permezz ta' sentenza moghtija fil-5 ta' Dicembru 2018 – vide Dok B fol 5. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed li llum l-gurnata hu magorenni izda ghadu jistudja. Xehedet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' mantiment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta rikonciljazzoni

**JG** a fol 40 xehed *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Illi r-rikorrenti premettiet illi l-partijiet ilhom legalment separati sal-5 ta' Dicembru 2018 u dan permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta. Illi pero jirrizulta illi din is-sentenza giet appellata, kif tippremetti ir-rikorrenti stess, u ghadha *sub-judice*.

Dan iffisser illi a kuntrarju ta' dak permess mir-rikorrenti, il-partijiet ghadhom m'humiex legalment isseparati peress illi s-sentenza tal-Prim'Istanza m'ghandha l-ebda effett legali sakemm tinsab appellata u l-appell ghadu mhux deciz.

Il-Qorti taghraf illi l-Legislatur ppreveda istanzi fejn talba ghal divorzju tista' ssir waqt li jkun hemm proceduri pendenti ta' separazzjoni, u dan billi l-partijiet inghataw il-fakolta illi jew jitolbu li talba ghal separazzjoni tigi konvertita f'talba ghal divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F (1) jew jaghmlu talbu *ad hoc* ghal divorzju, li trid tigi konnessa mal-kawza ta' separazzjoni, ai termini tal-Artikolu 66F (3). Dan jistghu jaghmluh f'kull waqt tal-kawza, **basta qabel li l-kawza tithalla ghas-sentenza.** Fil-kaz odjern, il-partijiet naqsu li jipprevalixxu ruhhom minn kull opportunita moghtija lilhom sabiex jottjenu divorzju waqt, jew minflok, il-kawza ta' separazzjoni personali, qabel ma dik il-kawza thalliet ghas-sentenza, tant illi dawn il-proceduri gew ipprezentanti proprju meta l-proceduri ta' separazzjoni jinstabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Illi ghalhekk, galadarba il-partijiet m'ghadhomx fit-terminu li jipprelavixxu ruhhom mill-proceduri mahsuba fl-Artikolu 66F u peress illi huma ghadhom m'humiex legalment separati, l-partijiet kellhom isegwu d-dettami tar-Regolament numru 4(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 li jipprovdi:-

> "*Meta konjuġi tkun trid tipproċedi biex tibda kawża għas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, dik il-parti għandha l-ewwel titlob l-awtorità li tipproċedi mill-Qorti ċivili (Diviżjoni tal-Familja) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Diviżjoni tal-Familja) skond il-każ, kull wieħed minn dawn il-qrati, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Qorti", billi tippreżenta ittra, fil-każ ta' separazzjoni personali, jew billi tippreżenta rikors, fil-każ ta' divorzju, kif ikun il-każ, għal dan il-għan fir-reġstru tal-Qorti indirizzata lir-Reġistratur fejn fiha jiġi indikat kemm l-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jippreżenta l-ittra kif ukoll dawk tal-parti l-oħra u jitolbu lill-Qorti tawtorizza lilha jew lilu biex jipproċedu.*"

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 66G (2) (a) f'kaz fejn il-partijiet ikunu ghadhom m'humiex legalment separati, l-avukat tar-rikorrent ghandu l-obbligu illi jipprezenta nota fejn jikkonferma illi huwa osserva l-htigijiet tal-Artikolu 66G (1) mar-rikors promotur, jew sa l-ewwel smiegh tal-kawza. Minn ezami tal-atti ma jirrizultax illi din in-nota giet prezentata.

**Illi ghaldaqstant jirrizulta illi dawn il-proceduri huma milquta b'difett procedurali serju u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti fil-meritu.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**